

Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0166 (NLE)**

**10110/25
ADD 1**

**AELE 45
MI 372
FL 20
ISL 20
N 28
ENER 239**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 313 annex
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (EED)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 313 - Annex.

Mehmuż: COM(2025) 313 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 313 final

ANNEX

ANNEX

ta'

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u
ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE**

(EED)

ANNEX

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE¹ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija² għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) L-Istati tal-EFTA mhumiex inklużi fil-mira ewlenija tal-effiċjenza enerġetika tal-UE ta' ffrankar tal-enerġija ta' 20 fil-mija sal-2020. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/27/UE jenħtieġ li japplika għall-Istati tal-EFTA ħlief għad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 3(1)(a) u 3(5).
- (4) L-Istati tal-EFTA mhumiex inklużi fil-miri ewlenin tal-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2030 ta' mill-inqas 32,5 fil-mija. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/27/UE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002, għalhekk jenħtieġ li ma japplikax għall-Istati tal-EFTA. Minflok, l-Istati tal-EFTA jenħtieġ li jistabbilixxu miri indikattivi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika għall-2030.
- (5) Id-derogi għall-Iżlanda għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jiġu implimentati b'mod kosteffettiv u xieraq għas-sitwazzjoni tagħha b'sistema tal-enerġija iżolata u kważi ħielsa mill-fjuwils fossili, b'livelli għoljin ta' sigurtà tal-provvista u indipendenza enerġetika. L-Iżlanda tuża b'mod estensiv enerġija ġeotermali rinnovabbli b'karatteristiċi speċjali, li fost l-oħrajn jagħmilha neċessarja għall-Iżlanda li tidderoga minn ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-metraġġ fl-Artikoli 9a, 9b u 9c.
- (6) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002 jirreferi għall-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jinsabu fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. L-Iżlanda hija eżenti milli tapplika d-Direttiva 2010/31/UE f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2022. Għalhekk, l-obbligi dwar ir-

¹ ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

² ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210.

rendiment minimu tal-enerġija fil-bini għandhom jirriżultaw mil-leġislazzjoni nazzjonali fl-Iżlanda.

- (7) L-Iżlanda għandha sehem sproporzjonalment għoli ta' industrija intensiva fl-enerġija li tirriżulta f'obbligu ta' ffrankar li huwa diversi drabi ogħla mill-medja tal-UE. 88 % tal-enerġija primarja fl-Iżlanda hija rinnovabbli u l-kost tal-elettriku u tas-sħana huwa baxx, li jimplika inqas iffrankar kostottimali. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(1), l-Iżlanda jenħtieġ li tikseb iffrankar ġdid tal-enerġija kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 ekwivalenti għal 0,24 % tal-konsum finali tal-enerġija fuq medja tal-aktar perjodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019.
- (8) L-Iżlanda ma għandhiex infrastruttura tal-gass naturali u hija eżenti mid-Direttiva 2009/73/KE dwar is-suq intern tal-gass naturali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017. Għalhekk, l-Artikoli 9 u 10 fir-rigward tal-metraġġ għall-gass naturali u l-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-gass naturali ma għandhomx japplikaw għall-Iżlanda.
- (9) Id-Direttiva 2004/8/KE fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija ma tapplikax għall-koġenerazzjoni ġeotermali fir-rigward tal-Iżlanda f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 151/2006. L-Artikoli 14 u 15 dwar il-koġenerazzjoni fid-Direttiva 2012/27/UE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002, jikkorrelataw mal-Artikoli dwar il-koġenerazzjoni fid-Direttiva 2004/8/KE. L-Iżlanda diġà tkopri 90 % tad-domanda totali għas-sħana bl-enerġija ġeotermali u qiegħda tkompli tippromwovi l-iżvilupp tal-koġenerazzjoni ġeotermali fi ħdan il-qafas legali nazzjonali tagħha kull fejn ikun teknikament fattibbli. Għalhekk, l-Artikoli 14 u 15 ma għandhomx japplikaw għall-koġenerazzjoni ġeotermali fir-rigward tal-Iżlanda.
- (10) Intlaħaq qbil dwar flessibilità addizzjonali fl-applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 20 tad-Direttiva 2012/27/UE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002. Fl-Artikolu 20(5), ir-referenza għall-Artikolu 5(1) jenħtieġ li tiġi ssostitwita b'referenza għall-Artikolu 5 biex tippermetti li l-obbligi tal-Artikolu 5 kollu jiġu ssodisfati b'kontribuzzjonijiet għal fond.
- (11) Id-Direttiva 2012/27/UE tħassar id-Direttiva 2004/8/KE³, li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsewwentement trid titħassar mill-Ftehim ŻEE.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi II u IV tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied mal-punt 6 (id-Direttiva 2009/125/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu IV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“, kif emendat bi:

- **32012 L 0027**: Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).”

³ ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50.

Artikolu 2

L-Anness IV tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 24 (id-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“**32012 L 0027**: Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1), kif emendata bi:

- **32018 L 2002**: Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) L-Artikoli 1(1) u 3(1)(a) u t-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 7(1) ma għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA.
- (b) Fl-Artikolu 3(5), għandu jizjed is-sottoparagrafu li ġej:

“Kull Stat tal-EFTA għandu jstabbilixxi mira indikattiva nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika għall-2030, ibbażata fuq il-konsum tal-enerġija primarja jew finali, jew fuq l-intensità tal-enerġija, bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat rispettiv tiegħu dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999.”
- (c) Fl-Artikolu 5, il-kliem “, jew, fir-rigward tal-Iżlanda, l-obbligi f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-Iżlanda” għandu jiddaħħal wara l-kliem “l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/31/UE”.
- (d) Fl-Artikolu 7(1), il-punt (b), għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:

“B'deroga mir-rekwiżit fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-Iżlanda għandha tikseb iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 ekwivalenti għal 0,24 % tal-konsum finali annwali tal-enerġija, b'medja tal-aktar tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019.”
- (e) L-Artikolu 9 ma għandux japplika għall-Iżlanda fir-rigward tal-metraġġ tal-gass.
- (f) Fl-Artikolu 9a(1), il-kliem “, jew il-konsum ekwivalenti tal-enerġija fir-rigward tal-Iżlanda” għandu jiddaħħal wara l-kliem “il-konsum reali tal-enerġija”.
- (g) L-Artikoli 9a u 9c ma għandhomx japplikaw għal sistemi ta' tisħin distrettwali fl-Iżlanda b'inqas minn 1 500 utent finali.
- (h) L-Artikolu 9b ma għandux japplika għall-Iżlanda.
- (i) L-Artikolu 10 ma għandux japplika għall-Iżlanda fir-rigward tal-informazzjoni tal-kontijiet tal-gass.
- (j) Fl-Artikolu 20(5), ir-referenza għall-Artikolu 5(1) għandha tiġi sostitwita b'referenza għall-Artikolu 5.
- (k) L-Artikoli 14 u 15 ma għandhomx japplikaw għall-Iżlanda fir-rigward tal-koġenerazzjoni ġeotermali.”

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 26 (id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat bi:

- **32012 L 0027**: Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).”

Artikolu 3

It-testi tad-Direttivi 2012/27/UE u (UE) 2018/2002 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Dikjarazzjoni mill-Istati tal-EFTA

għad-Deċiżjoni Nru [...] li tinkorpora d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim ŻEE

[għall-adozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]

L-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim ŻEE testendi l-qafas regolatorju komuni ta' miżuri għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija għall-Istati tal-EFTA. L-Istati tal-EFTA mhumiex inklużi fil-mira ewlenija tal-UE għall-effiċjenza enerġetika. Madankollu, l-Istati tal-EFTA stabbilew il-miri nazzjonali indikattivi rispettivi li ġejjin għall-effiċjenza enerġetika:

- Il-Gvern Iżlandiż stabbilixxa mira nazzjonali ta' 25 % aktar użu ta' enerġija effiċjenti sal-2030 milli fl-2015. Il-mira hija espressa bħala objettiv transsettorjali li titnaqqas l-intensità tal-enerġija, jiġifieri l-proporzjon tal-konsum tal-enerġija (finali) mal-PDG reali f'termini aġġustati għall-PPS. L-indikatur huwa parti mit-tbassir tal-enerġija li jiġi ppubblikat kull sena mill-Aġenzija għall-Ambjent u l-Enerġija tal-Iżlanda.
- Fis-6 ta' Novembru 2020, il-Parlament tal-Liechtenstein (Landtag) adotta l-Istrateġija tal-Enerġija tiegħu għall-2030 u biha stabbilixxa mira nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika ta' 20 % meta mqabbel mal-2008. L-elementi ċentrali taż-żieda fl-effiċjenza fil-perjodu sal-2030 huma r-rinnovazzjonijiet tal-bini, bini ġdid effiċjenti ħafna u titjib fl-effiċjenza tat-tidwil, tal-muturi u tal-apparat domestiku. Kemm il-pompi tas-sħana elettriċi għall-provvista tas-sħana kif ukoll l-elettrifikazzjoni tat-trasport se jwasslu għal sostituzzjoni sinifikanti tal-fjuwils fossili fil-futur. Ir-rappurtar dwar il-kisba tal-objettivi jsir kull sena (bħala parti minn rapport ta' monitoraġġ għall-attenzjoni tal-Parlament).
- Il-Parlament Norveġiż (Storting) stabbilixxa mira nazzjonali ta' 30 % aktar użu ta' enerġija effiċjenti sal-2030 milli fl-2015 (Liġi tal-Gvern St. 25 (2015–2016)). Il-mira hija espressa bħala objettiv transsettorjali tat-tnaqqis tal-intensità tal-enerġija, jiġifieri l-proporzjon tal-input tal-enerġija (primarja) mal-PDG reali. Il-Ministeru għall-Enerġija jipprovdi rappurtar annwali dwar il-mira fir-Rapport lill-iStorting (White Paper) dwar il-Baġit Nazzjonali.